# 14. Żewġt Irħula

*Imnebbħa minn żewġt irħula*
*li rajt ħdejn Messina*

Wieħed jixxabbat ma' muntanja kbira
bid-djar iperrċu rashom minn ġos-siġar
bħal qabda flieles bojod minn ġol-ġwienaħ
ta' qroqqa ħadra.

L-ieħor imxerred fuq il-blat tal-plajja
sat-tarf mett nett, mit-twieqi u l-galleriji
jara xbihetu tiddi ġewwa l-baħar
iżraq u perla.

Meta jasal iż-żmien li l-għatx tas-safar
jaħraq il-qlub tal-ħut u tal-għasafar,
u jġagħlhom jiġġerrew fil-beraħ ħieles
tad-dinja tagħna,

It-tnejn jimtlew bil-konzijiet u x-xbieki,
xbieki fil-boskijiet ta' fuq il-għolja,
u konzijiet fil-baħar jew mifruxa
mal-mollijiet.

Ix-xbieki tal-muntanja għall-għasafar –
il-ħut li jgħum ġol-arja fuq il-ġwienaħ.
li jbejjet qalb il-frieġħi w jgħix biż-żrieragħ
ta' ġewwa r-raba';

Il-konzijiet għall-ħut madwar ix-xtajta –
l-għasafar li jittajru ġewwa l-baħar,
li jbejtu ġol-kalanki w jieklu l-ħxejjex
tal-ilma mielaħ.

Wara l-insib in-nies tal-għolja jagħtu
lil dawk ta' taħthom it-tajriet maqbuda
bil-benna fihom tal-għelejjel kollha
tal-boskijiet;

U dawk tal-baħar jagħtu bi tpattija
il-ħut maqbud bil-benna friska w ħajja
tal-ilmijiet tal-baħar u bis-sugu
tal-ħxejjex mielħa.

Imbierka n-nefħa fil-ħolqien li tonfoħ
bl-għasafar u bil-ħut, nefħa li tkarkar
ġlejjeb, ġlejjeb ta’ ġid u ż-żewġt irħula
tgħaqqad flimkien!

Montecatini 25/viii/1948